Order of Friars Minor – OFM
Province of St. Paul the Apostle
Franciscan Fathers,
291, St. Paul's Street,
Valletta, VLT 1213,
Malta.

Prot. 1012/2015

10 ta' Diċembru, 2015

Lill-Rev.di Gwardjani,
Superjuri Lokali, u
Lill-Aħwa kollha.

**Viżta Kanonika 2016**

Huti għeżież,

Il-Mulej jagħtikom is-Sliem! Issa li għaddew ftit aktar minn sena u nofs mill-aħħar Kapitlu Provinċjali li ċċelebrajna ġewwa Porziuncola Retreat House, Baħar iċ-Ċagħaq, wasal iż-żmien li nagħmel il-Viżta Kanonika tal-Provinċja tagħna skont kif mitlub minni fl-artiklu 184 §2 tal-Istatuti Ġenerali tagħna, dan anke bi tħejjija għall-Kapitlu Provinċjali Intermedju li jmiss fis-sena 2017. Dawn huma d-dati ta' kif bil-għajnuna t'Alla ser inżur lill-Fraternitajiet u l-Aħwa tagħna:

| | |
|---|---|
| 15 ta' Jannar 2016 | Santa Marija tal-Anġli |
| 18 ta' Jannar 2016 | Domus Pacis |
| 22 ta Jannar 2016 | Laboratorju tal-Paċi Hal Far |
| 11 u 12 ta' Frar 2016 | Valletta |
| 15 u 16 ta' Frar 2016 | Rabat |
| 19 ta' Frar 2016 | Dar Frate Jacoba, Wied il-Għajn |
| 23 u 24 ta' Frar 2016 | Sliema |
| 2 u 3 ta' Marzu 2016 | Hamrun |
| 10 ta' Marzu 2016 | Għawdex |

Matul il-Viżta Kanonika ikun hemm il-possibilita' li niltaqa' u nitkellem mal-Awħa kollha kemm individwalment kif ukoll bħala Fraternita', li nitolbu u nieklu flimkien. Inħeġġeġ ħafna lill-Aħwa Gwardjani u Superjuri Lokali sabiex iħejju il-kotba tal-amministrazzjoni kollha, kif ukoll lista tad-dati ta' meta sejrin jiċċelebraw il-Kapitlu Lokali u l-Irtir tax-xahar matul is-sena 2016. Kif kont ħeġġiġthom ukoll, flimkien mal-membri tal-Fraternita' tagħhom għandhom jippreparaw program ekoloġiku ta' forma ta' ħajja u missjoni li jkun jirrispetta u jġib il-quddiem b'mod konkret il-ħarsien tal-ħolqien u tal-ambjent skont kif mitlub minna mill-proposta numru 19 li ħarġet mill-Kapitlu Ġenerali li ġie iċċelebrat ġewwa Assisi aktar kmieni din is-sena. Infakkar li skont din il-proposta, fil-Kapitlu Provinċjali tas-sena 2020 il-Viżitatur Ġenerali skont l-istess proposta, ikun irid jagħmel verifika ta' kemm dan il-programm qiegħed jitwettaq fil-Fraternitajiet Lokali.

Fraternament tagħkom ilkoll fi Franġisku

Fra Richard Stanley Grech ofm
Ministru Provinċjal u Qaddej

Fra Joseph Ciappara ofm
Segretarju Provinċjali

Tel. 00356 21337797 – mobile: 00356 79710506 http://www.ofm.org.mt email: provincial@ofm.org.mt